

32004R0135

28.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 21/9

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 135/2004

tas-27 ta' Jannar 2004

**li jissupplementa l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Fraise du Périgord and Queso de Valdeón)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-identifikazzjoni u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikoli 6(3) u (4) li jinsabu fih,

billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Franza bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Fraise du Périgord" bħala indikazzjoni ġeografika protetta, u Spanja bagħtet lill-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Queso de Valdeón" bħala indikazzjoni ġeografika protetta.
- (2) Skond l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament, l-applikazzjonijiet instabu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fih u partikolarment li tinsab fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa skond l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni, fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ma kien mibgħut lill-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> ta' l-ismijiet illistjati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(4) L-ismijiet b' hekk jikkwalifikaw biex jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u biex ikunu mħarsa fil-livell tal-Komunità bħala indikazzjoni ġeografika protetta.

(5) L-Anness għal dan ir-Regolament jissupplementa l-Anness għar-Regola tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 <sup>(3)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-ismijiet illistjati fl-Anness għal dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum ta'wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 100, tas-26.4.2003, p. 17 (Fraise du Périgord). ĠU C 110, tat-8.5.2003, p. 15 (Queso de Valdeón).

<sup>(3)</sup> ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 2275/2003 (ĠU L 336, tat-23.12.2003, p. 44).

## L-ANNEX

**PRODOTTI ILLISTJATI FL-ANNEX I GĦAT-TRATTAT, MAĦSUBIN GĦAL KONSUM UMAN****Frott u ħaxix**

FRANZA

Fraise du Périgord (IĠP)

**Ġobon**

Spanja

Queso de Valdeón (IĠP)

---